IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.12.2019
COM(2019) 639 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jikkonċerna r-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ir-Regolament ta' Infurzar[1]), li jipprovdi r-regoli u l-proċeduri biex jiġi żgurat eżerċizzju effettiv u f'waqtu tad-drittijiet tal-Unjoni Ewropea skont il-ftehimiet kummerċjali internazzjonali. Ir-Regolament ta' Infurzar jippermetti lill-Unjoni Ewropea tissospendi jew tirtira l-obbligi skont il-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u ftehimiet kummerċjali internazzjonali oħra, inklużi ftehimiet reġjonali u bilaterali *wara* l-aġġudikazzjoni ta' tilwim kummerċjali skont ftehim rispettiv. Huwa jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni biex tibbilanċja mill-ġdid l-obbligi skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jew mad-dispożizzjonijiet dwar is-salvagwardji fi ftehimiet internazzjonali oħra, u biex tirrispondi għal modifiki ta' konċessjonijiet applikati minn membri oħra tad-WTO kif previst fl-Artikolu XXVIII tal-GATT.

Is-sospensjoni jew l-irtirar ta' obbligi jistgħu jwasslu għal miżuri ta' politika kummerċjali tal-UE ppromulgati permezz ta' att ta' implimentazzjoni wara l-proċedura ta' eżami. Dawn il-miżuri jinkludu (i) s-sospensjoni tal-konċessjonijiet tat-tariffi u l-impożizzjoni ta' dazji doganali ġodda jew miżjuda; (ii) l-introduzzjoni jew iż-żieda ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni ta' oġġetti permezz ta' kwoti, liċenzji ta' importazzjoni jew esportazzjoni jew miżuri oħra; u (iii) s-sospensjoni tal-konċessjonijiet rigward oġġetti, servizzi jew forniturifil-qasam tal-akkwist pubbliku.

2. REKWIŻIT TAR-RIEŻAMI

Fl-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Infurzar, il-Kummissjoni Ewropea kellha l-kompitu li tirrevedi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, b'mod partikolari l-miżuri ta' politika kummerċjali li jistgħu jiġu adottati, u l-implimentazzjoni tiegħu, u li tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Wara r-rieżami inizjali (l-Artikolu 10(2) tar-Regolament), li sar f'Lulju 2017, ir-rieżami skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament kien skedat għat-18 ta' Lulju 2019.

Fiż-żmien meta sar ir-rieżami, irriżulta li kien hemm bżonn li jiġi emendat ir-Regolament. Għaldaqstant, ir-rapport dwar ir-rieżami issa qed jiġi ppreżentat flimkien ma' proposta leġiżlattiva għall-emenda tar-Regolament.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 50.)

3. RIEŻAMI TAL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI, IL-MIŻURI TA' POLITIKA KUMMERĊJALI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENT TA' INFURZAR

3.1. Kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament

L-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Infurzar jipprevedi sitwazzjonijiet li fihom japplika r-Regolament ta' Infurzar u l-UE għandha d-dritt li tapplika kontromiżuri. L-UE tista' tapplika dawn biss (1) wara aġġudikazzjoni vinkolanti ta' tilwima kummerċjali, favur l-UE, (2) għall-fini ta' miżuri ta' ekwilibriju mill-ġdid tal-UE b'reazzjoni għal miżura ta' salvagwardja imposta minn pajjiż ieħor kif previst skont ir-regoli kummerċjali internazzjonali applikabbli, jew (3) meta membru tad-WTO jimmodifika jew jirtira l-konċessjonijiet tiegħu skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 u ma jkun hemm qbil dwar l-ebda aġġustament kumpensatorju.

3.1.1. Wara deċiżjoni vinkolanti dwar tilwim kummerċjali favur l-UE

L-ewwel sitwazzjoni li fiha jista' jiġi applikat ir-Regolament ta' Infurzar hija meta proċedura ta' soluzzjoni ta' tilwim fid-WTO jew skont ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali oħra rriżultat f'aġġudikazzjoni vinkolanti tat-tilwima kummerċjali, u tagħti lok għal dritt tal-UE li tissospendi l-obbligi minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni mill-parti telliefa.

Madankollu, fil-perjodu soġġett għar-rieżami, l-ebda każ bħal dan ma seħħ, madankollu, wara l-adozzjoni f'April 2019 tar-rapport tal-Korp tal-Appell dwar il-konformità fit-tilwima Boeing li għadha għaddejja fid-WTO[2], li kkonfermat li s-sussidji tal-Istati Uniti lil Boeing ikomplu jikkawżaw ħsara sinifikanti lil Airbus, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika[3] dwar lista preliminari ta' prodotti mill-Istati Uniti li fuqhom l-Unjoni tista' tieħu kontromiżuri. L-arbitraġġ tad-WTO dwar il-livell ta' kontromiżuri jinsab għaddej bħalissa. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi huma l-ewwel pass lejn l-impożizzjoni ta' miżuri ta' politika kummerċjali skont ir-Regolament ta' Infurzar.

Kif inhu magħruf sew, il-Korp tal-Appell tad-WTO jinsab f'sitwazzjoni ta' kriżi. Ir-Regolament tfassal, sa fejn hija kkonċernata d-WTO, fuq il-premessa ta' mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim li jiffunzjona b'mod sħiħ, inkluż ir-rieżami tal-Korp tal-Appell tad-WTO, li jwassal għal aġġudikazzjoni finali u vinkolanti. Matul dawn l-aħħar sentejn, din iċ-ċertezza ġiet taħt theddida dejjem akbar minħabba l-imblukkar tal-ħatra ta' membri ġodda tal-Korp tal-Appell. Il-Korp tal-Appell tad-WTO ma jistax jaħdem fuq appelli b'inqas minn tliet membri. Mill-11 ta' Diċembru 2019, l-għadd ta' membri tal-Korp tal-Appell huwa ta' wieħed. Ir-rapporti tal-panel li jmiss jistgħu mbagħad jiġu appellati "fil-vojt", li jċaħħad lill-partijiet minn deċiżjoni definittiva, vinkolanti u infurzabbli.

Filwaqt li l-UE żviluppat miżuri ta' kontinġenza fil-forma ta' "arranġament interim", li għandu l-għan li jirreplika l-mekkaniżmu tal-appell tad-WTO permezz tal-proċedimenti ta' arbitraġġ previsti skont l-Artikolu 25 tal-Fehim dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO, dan l-arranġament mhuwiex awtomatiku u l-UE ma għandha l-ebda garanzija li l-parti l-oħra se taqbel miegħu.

---

[2] Stati Uniti - Miżuri li Jaffettwaw il-Kummerċ f'Inġenji tal-Ajru Ċivili Kbar — It-Tieni Ilment (DS353).

[3] Tilwima Boeing WTO: L-UE toħroġ lista preliminari ta' prodotti tal-Istati Uniti meqjusa għall-kontromiżuri; https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/fi/ip_19_2162

Ir-rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Infurzar dwar ftehimiet kummerċjali internazzjonali oħra identifika sfida oħra. Sitwazzjoni simili ta' soluzzjoni ta' tilwim imblukkata tista' tirriżulta wkoll minn ftehimiet kummerċjali oħra, inklużi dawk reġjonali u bilaterali, meta pajjiż terz ma jikkooperax, kif meħtieġ, biex mekkaniżmu vinkolanti għas-soluzzjoni tat-tilwim jiffunzjona. Pereżempju, meta l-parti l-oħra ma taħtarx arbitru u ma taħtar l-ebda mekkaniżmu ta' rimedju li jirrimedja għal dik is-sitwazzjoni, l-UE ma tkunx tista' tikseb deċiżjoni vinkolanti li tista' tiġi infurzata.

Peress li r-Regolament ta' Infurzar jista' jintuża biss *wara* aġġudikazzjoni li torbot, l-objettiv tar-Regolament, li huwa li jgħammar lill-UE bl-istrumenti meħtieġa biex tirreaġixxi b'mod effettiv u malajr għal miżuri illegali ta' pajjiżi terzi u biex jiġu protetti l-interessi ekonomiċi tal-UE, ma jistax jintlaħaq. Jenħtieġ li din il-lakuna tiġi indirizzata u r-Regolament jiġi aġġornat sabiex jiffaċċja dawn l-isfidi.

3.1.2. Miżuri ta' ekwilibriju mill-ġdid b'rispons għal salvagwardja ta' pajjiż terz

It-tieni sitwazzjoni li fiha jista' jiġi applikat ir-Regolament ta' Infurzar tkopri miżuri ta' ekwilibriju mill-ġdid meta pajjiż terz jimponi miżura ta' salvagwardja mingħajr qbil mal-UE dwar il-kumpens.

S'issa, ir-Regolament intuża darba għal dan l-għan, jiġifieri b'reazzjoni għad-dazji tal-importazzjoni fuq l-azzar u l-aluminju imposti mill-Istati Uniti fl-2018. L-UE introduċiet miżuri ta' ekwilibriju mill-ġdid fil-forma ta' tariffi addizzjonali fuq għadd ta' prodotti importati mill-Istati Uniti[4]. Proċeduralment, l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jimponi miżuri ta' bbilanċjar mill-ġdid ħadet b'kollox xahrejn, li kienet l-iskadenza imposta mill-Ftehim tad-WTO. Minħabba r-Regolament ta' Infurzar, l-UE setgħet tirreaġixxi malajr għall-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti u tiddefendi l-interessi ekonomiċi tal-UE. Għalhekk jista' jiġi konkluż li r-Regolament ta' Infurzar kien ta' utilità kbira u parti kruċjali mir-reazzjoni tal-UE għall-miżuri tal-Istati Uniti dwar l-azzar u l-aluminju.

3.1.3. Modifika tal-konċessjonijiet skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994

It-tielet sitwazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament ta' Infurzar hija modifika tal-konċessjonijiet minn membru ieħor tad-WTO skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 mingħajr ma jkun hemm qbil dwar kumpens mal-UE. Fil-perjodu ta' rieżami, ma seħħ l-ebda każ bħal dan. Madankollu, jista' jkun li r-regolament kellu rwol f'dan il-qasam minħabba li s-sempliċi eżistenza tar-Regolament tindika lill-membri oħra tad-WTO li l-UE hija kapaċi tagħmel użu mid-drittijiet ta' bbilanċjar mill-ġdid skont l-Artikolu XXVIII jekk ma jiġi miftiehem l-ebda kumpens, li għalih tapplika skadenza stretta wkoll.

3.2. Il-miżuri tal-politika kummerċjali u l-implimentazzjoni s'issa

L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Infurzar jipprovdi lista ta' kontromiżuri, l-hekk imsejħa miżuri ta' politika kummerċjali, li jistgħu jintużaw meta l-UE jkollha d-dritt li tirreaġixxi għal ostakli kummerċjali tal-parti l-oħra. Il-lista tipprevedi tliet tipi ta' miżuri tal-UE,

[4] Dawn il-miżuri ġew introdotti permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/724 tas-16 ta' Mejju 2018 dwar ċerti miżuri ta' politika kummerċjali li jikkonċernaw ċerti prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 122, 17.5.2018, p. 14–28) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/886 tal-20 ta' Ġunju 2018 dwar ċerti miżuri ta' politika kummerċjali rigward ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/724 (ĠU L 158, 21.6.2018, p. 5–18).

jiġifieri (a) is-sospensjoni tal-konċessjonijiet tariffarji u l-impożizzjoni ta' dazji doganali ġodda jew miżjuda; (b) l-introduzzjoni jew iż-żieda ta' restrizzjonijiet ta' kwantitajiet fuq importazzjonijiet jew esportazzjonijiet ta' oġġetti; u (c) is-sospensjoni tal-konċessjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

Ir-rieżami ta' din il-parti tar-Regolament qies b'mod partikolari l-użu tar-Regolament ta' Infurzar s'issa. Fil-każ ta' dazji tal-importazzjoni addizzjonali tal-Istati Uniti fuq l-azzar u l-aluminju, l-UE wieġbet għall-miżuri tal-Istati Uniti fil-forma ta' żieda fit-tariffi tal-importazzjonijiet fuq għadd ta' prodotti importati mill-Istati Uniti. Ir-Regolament wera li huwa effettiv ħafna kemm f'termini ta' żmien, jiġifieri billi wieġeb malajr għall-miżura tal-Istati Uniti kif ukoll issodisfa l-iskadenzi stretti tad-WTO għall-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni u fir-rigward tal-firxa ta' miżuri li kienu għad-dispożizzjoni tal-UE. L-UE imponiet kontromiżuri fl-ammont tal-valur totali tal-miżuri tal-Istati Uniti soġġetti għall-ekwilibriju mill-ġdid, madankollu bl-applikazzjoni ta' parti sinifikanti tal-miżuri ta' ekwilibriju mill-ġdid tal-UE posposti għal tliet snin wara l-introduzzjoni tad-dazji tal-Istati Uniti, kif mitlub mill-Artikolu 8.3 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji. Dan stabbilixxa mill-ġdid, sa fejn hu permess mill-Ftehim tad-WTO, il-bilanċ ta' konċessjonijiet reċiproċi u benefiċċji fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Istati Uniti u l-UE. Dan ikkonferma wkoll l-effettività, l-idoneità u l-importanza tar-Regolament ta' Infurzar għall-kapaċità tal-UE li tirreaġixxi u tiddefendi l-interessi ekonomiċi tagħha b'mod fil-pront u effiċjenti.

Iż-żewġ tipi l-oħra ta' miżuri permessi mir-Regolament ta' Infurzar — l-introduzzjoni jew iż-żieda ta' restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u s-sospensjoni tal-konċessjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku, għadhom ma ġewx ittestjati iżda jibqgħu disponibbli għall-użu fil-futur.

Barra minn hekk, filwaqt li r-Regolament ma jkoprix miżuri possibbli oħra, speċjalment fil-qasam tas-servizzi jew tal-proprjetà intellettwali, il-Kummissjoni tqis li l-evalwazzjoni tagħha fil-valutazzjoni bikrija tagħha fl-2017 skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament tibqa' valida f'dan l-istadju. Dan ir-rieżami kien jikkonċerna miżuri ta' politika kummerċjali li jistgħu jiġu adottati skont ir-Regolament. F'dan il-mument il-Kummissjoni ma tarax il-ħtieġa u l-utilità ta' espansjoni tar-Regolament f'dan ir-rigward. Dan huwa b'mod partikolari l-każ għaliex ir-rieżami wera li, għalissa, u abbażi tal-użu tar-Regolament s'issa, hemm firxa biżżejjed ta' miżuri effettivi għad-dispożizzjoni tal-UE biex tipproteġi l-interessi tal-UE anki f'każijiet futuri ta' applikazzjoni tar-Regolament. Ta' min ifakkar ukoll li żewġ tipi oħra ta' miżuri huma possibbli skont ir-Regolament u s'issa għadhom ma ntużawx, iżda jibqgħu disponibbli fil-futur. Il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li jitkompla l-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-firxa ta' miżuri disponibbli u l-utilità tagħhom. Tali rieżami għandu jkun ibbażat kemm fuq każijiet ta' applikazzjoni futuri, kif ukoll fuq żviluppi oħra li jista' jkollhom implikazzjonijiet fuq l-effettività tar-Regolament ta' Infurzar fil-kuntest usa'.

4. KONKLUŻJONI

Bħala konklużjoni, filwaqt li s'issa ntuża darba biss, ir-Regolament ta' Infurzar kien strument essenzjali għall-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi tal-UE b'reazzjoni għal ostakli kummerċjali imposti minn pajjiżi terzi. Għalkemm limitat, il-prattika wriet li l-UE tista' tirreaġixxi malajr u b'mod effettiv, bis-saħħa tal-eżistenza tar-Regolament. Il-Kummissjoni tqis li, lil hinn mill-applikazzjoni tar-Regolament s'issa, is-sempliċi eżistenza tar-Regolament qed ikollha impatt importanti, peress li qed tibgħat messaġġ qawwi dwar il-kapaċità tal-UE li tiddefendi d-drittijiet tagħha. L-użu limitat tar-

Regolament fil-perjodu ta' rieżami jista', parzjalment, jiġi attribwit għall-istadju proċedurali li fih kien it-tilwim kummerċjali. L-istadju ta' infurzar huwa fażi avvanzata ħafna f'tilwima kummerċjali, li ftit li xejn tilwimiet jilħquha meta wieħed iqis li l-biċċa l-kbira tal-każijiet jiġu solvuti b'mod sodisfaċenti ħafna qabel.

L-isfidi emerġenti madwar il-kriżi istituzzjonali fid-WTO b'rabta mas-soluzzjoni ta' tilwim kif ukoll dgħufijiet possibbli ta' riżoluzzjoni ta' tilwim skont ftehimiet kummerċjali internazzjonali oħra jqajmu tħassib dwar l-effettività tar-Regolament kif stabbilit attwalment. Il-Kummissjoni għalhekk tqis li huwa meħtieġ li jiġi emendat il-kamp ta' applikazzjoni tas-sitwazzjonijiet li fihom jista' jintuża r-Regolament ta' Infurzar, sabiex jiġi żgurat li l-UE tkun tista' tiddefendi b'mod effettiv l-interessi ekonomiċi tagħha wkoll fil-futur. F'konformità mal-proposta għal emenda, il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-użu ġenerali u l-utilità tar-Regolament.